## REĊENSJONIJIET

**"TLITT IQLUB" — Damma ta' għana minn Ġużi Abela, Manwel Cassar, u John Seiberras, b'kelmtejn qabel minn Karmenu Vassallo, 1953.**

Snin ilu Dun Karm, l-ixjeħ u l-akbar poeta tagħna, ħassu jithenna u jitgħaxxaq bl-ewwel bukketti ta' ward fir-rebbiegħa ta' l-Ilsien Malti. Minn xi għoxrin sena 'l hawn il-Letteratura tagħna bdiet tisbieħ u twarrad dejjem. Il-poplu tagħna beda jduq u jitpaxxa bil-ġmiel tal-kitba Maltija, ħa nteress kbir fil-qari ta' kotba, rivisti u gazzetti bil-Malti (li minnhom għandna għadd tassew sabiħ), u wera li tassew iħobb jisma' minn fuq ir-Rediffusion ix-xandir ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti.

Din it-twarrida u din il-laqgħa sabiħa mill-poplu jixhdu tajjeb li l-poplu tagħna għandu għal qalbu Lsien artu. Imma fost il-friegħi kollha tal-Letteratura, l-aktar li xxettlet u warrdet hi l-Poeżija. Kull ġenerazzjoni, bħal kull staġun tal-ward, qiegħda tagħtina demm ġdid ta' żgħażagħ imħeġġin għall-kitba tal-Poeżija. Ma rridux ngħidu li dawn huma kollha poeti, imma wieħed, tnejn jew iżjed ikollhom fihom il-vina poetika.

Quddiemna għandna bukkett ċkejken ta' ward ifuħ, maqtugħ mill-ġonna sbieħ ta' tliet żgħażagħ li x-xtieli tagħhom iwiegħdu li jagħtuna ward isbaħ 'il quddiem. Din il-ġabra ta' poeżiji, imsemmija tajjeb "TLITT IQLUB", hi mera tal-qalb u tar-ruħ ta' dawn it-tliet żgħażagħ. Fosthom, l-aktar imlaħħaq jidher li hu Manwel Cassar li f'ħafna poeżiji tiegħu jinħass, f'dehriet ta' ġmiel u qawwa, l-element romantiku bħal meta jgħanni:

*"kont inħoss fija, x'imkien 'Misfel f'qalbi,*
*mill-qiegħ jitqanqal baħar kbir ta' dmugħ —*
*dmugħ li taf biss il-qalb li tħobb fis-sewwa*
*xħin tara t-talb ħerqan fl-aħħar mismugħ."*

Il-poeżija ta' Ġużè Abela, fil-biċċa l-kbira hi lirika, b'metafori sbieħ, li togħġob fis-sempliċita tagħha. Aqra din l-istrofa:

*"B'saħħet il-qawwa tiegħi*
*Id-dar ta' ħajti bnejt,*
*Żejjint il-ġnub bir-rand, u l-ġnien bil-fjuri,*
*U ġewwa fiha nħbejt."*

Fil-poeżija ta' Seiberras nammiraw il-qawwa u s-sbuħija ta' l-immaġinazzjoni li tidher fil-varjetà u fil-ħsibijiet, xi wħud minnhom profondi, li tiltaqa' magħhom fil-poeżiji tiegħu. Aħna li doqna l-poeżija bnina ta' dawn it-tliet żgħażagħ, nixtiequ li ma tinxef qatt f'qalbhom din il-fawwara u tkun, fi kliem Seiberras bħal

*"L-ilma tal-Ġmiel għaddej igelgel jiġri,*
*safi u ileqq fid-dawl fiddien tal-qamar.*
*Jaqbeż minn fuq il-blat u jċarċar dejjem*
*mingħajr waqfien."*

D.F.C.